

Rikors ippreżentat fl-20 ta' Frar 2018 – Wehrheim vs BĊE**(Kawża T-100/18)**

(2018/C 152/49)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż***Partijiet***Rikorrenti:* Christine Wehrheim (Offenbach, il-Ġermanja) (rappreżentant: N. De Montigny, avukat)*Konvenut:* Il-Bank Ċentrali Ewropew**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

1. tannulla:

- id-deċiżjoni ta' ċaħda tat-talba għal kumpens għad-dannu mġarrab minħabba l-fatt li neħħielha l-[allowance tal-espatrijazzjoni] tagħha (imressqa fl-10 ta' Mejju 2017) u datata 3 ta' Lulju 2017;
- sa fejn huwa neċessarju, id-deċiżjoni ta' ċaħda espliċita tal-appell tagħha (ippreżentat fit-3 ta' Settembru 2017) kontra din id-deċiżjoni, datata 21 ta' Diċembru 2017;

2. tikkundanna lill-konvenut sabiex iħallas kumpens kif mitlub mir-rikorrenti fit-talbiet tagħha:

- id-differenza fir-remunerazzjoni sakemm tibqa' impjegata fi ħdan l-istituzzjoni taħt il-kuntratt tagħha bħala membru tal-persunal permamenti, jgħifieri EUR 700,53 fix-xahar minn April 2017;
- l-ispejjeż taċ-ċaqliq addizzjonali għal EUR 1 079,10 diġà aċċettati, jgħifieri EUR 1 000 addizzjonali;
- id-dannu psikoloġiku mġarrab fl-ammont ta' EUR 2 000;
- l-ammonti kollha miżjuda bl-interessi bir-rata legali sakemm isir il-ħlas kollu;

3. tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż kollha ta' din il-proċedura.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka motiv wieħed, ibbażat fuq il-fatt l-amministrazzjoni konvenuta naqqset milli twettaq l-obbligi tagħha ta' amministrazzjoni tajba u ta' assistenza billi ma osservatx l-obbligu tagħha ta' premura u billi ħolqot aspettattiva li tidher b'mod ċar li ma tistax tintlaħaq fil-konfront tar-rikorrenti u li tikkonsisti fl-għoti ta' allowance tal-espatrijazzjoni filwaqt li hija ma kinitx tissodisfa, mill-bidu, il-kundizzjonijiet meħtieġa mir-Regolamenti tal-Persunal għal dan il-għan. Dan l-iżball ikkawża dannu li għandu rabta kawżali diretta man-nuqqas tal-istituzzjoni.

Rikors ippreżentat fil-21 ta' Frar 2018 – L-Awstrija vs Il-Kummissjoni**(Kawża T-101/18)**

(2018/C 152/50)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż***Partijiet***Rikorrenti:* Ir-Repubblika tal-Awstrija (rappreżentant: G. Hesse)*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea